MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2007

Appell Kriminali Numru. 330/2007

**Il-Pulizija**
**(Spt. S. Micallef)**
**Vs**

**Melvin Vassallo**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fit-30 t'April, 2007, ghall-habta ta' 7.45 p.m., fi Triq il-Qawra, Qawra, San Pawl il-Bahar, saq vettura nru. MLV 884

1. b'manjiera traskurata;
2. bla kont;
3. u b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, nvolontarjament ikkaguna offizi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Andrea Saliba, skond kif iccertifikat Dr. Elaine Borg M.D. ta' S.L.H.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-24 ta’ Settembru, 2007, li biha, wara li rat l-artikoli 15(1)(a)(2) tal-Kap. 65 u l-artikolu 226 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-appellat hat ital-akkuzi kif addebitati fil-konfront tieghu w iddecidiet li tikkundannah ghal hlas ta’ multa komplessiva ta’ hamsa w ghoxrin lira Maltin (LM25).
Oltre dan ordnat l-iskwalifika tal-licenzja tal-appellat ghal perjodu ta’ hmistax (15) il-jum ai termini tal-artikolu 15 tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fil-5 t’Ottubru, 2007, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata fis-sens illi tikkonfermaha fejn sabet lill-appellat hati ta’ l-akkuzi migjuba kontra tieghu, filwaqt li tirrevokaha w thassaraha f’dik il-parti fejn infliggiet piena ta’ multa komplessiva ta’ hamsa w ghoxrin liri Maltin (LM25) u skwalifika tal-licenzja tas-sewqan ghal perjodu ta’ hmistax il-jum, u minnflok, tinfliggi l-piena kontra tieghu skond il-ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant fil-qosor, hu s-segwenti w cioe' :- li l-Ewwel Qorti erogat piena li minnhabba x' xorti jew in-natura taghha kienet differenti minn dik preskritta mill-ligi ghar-reat li dwaru l-persuna hatja nghatat is-sentenza nonche' applikazzjoni zbaljata tal-ligi fuq l-iskorta tal-fatti quddiemha. Il-multa ghar-reat bi ksur ta' l-artikolu 15 tal-Kap. 65 ghandha massimu ta' LM100 izda ma jissemmiex minimu. Ghalhekk, skond l-artikolu 11 tal-Kap. 9, din setghet tkun mhux inqas minn LM10. Pero' skond l-artikolu 226(1)( c ) tal-Kap. 9 li tieghu l-appellant ukoll instab hati, l-piena hija dik tal-kontravvenzjonijiet minghajr ma jaghti parametri specifici. Skond l-art. 17 (d) tal-Kap. 9, il-hati irid jigi kundannat ghall-piena applikabbli ghal kull kontravvenzjoni (f' dal-kaz, reat). Ghalhekk ma kellhiex tinghata piena komplessiva ghat-tlitt

imputazzjonijiet, izda piena separata ghall-kull imputazzjoni. Almenu, kellha tkun piena separata zgur fir-rigward ta' l-imputazzjoni taht l-artikolu 226(1)(c) li hu separat u distint minn dak taht l-art. 15(1) ( c ) tal-Kap.65. F' kull kaz, kien hemm piena miti wisq f' dan il-kaz. Illi t-terminu ta' hmistax il-jum tas-sospensjoni tal-licenzji ukoll mhux korrett ghax il-minimu tas-sospensjoni hu ta' mhux inqas minn tlitt xhur fil-kaz tal-ewwel kundanna .

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat;

Illi dan l-appell hu limitat ghall-piena, Illi l-principju regolatur hu li mhux normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta’ l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi w ma jkun hemm xejn x’jindika li kellha tkun inqas minn dak li tkun fil-fatt. (Ara **“Ir-Repubblika ta’ Malta vs. David Vella”** [14.6.1999] , **“Ir-Repubblika ta’ Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina”** [24.4.2003] u ohrajn.) Illi, kif kellha okkazzjoni tghid din il-Qorti, dan il-principju japplika ugwalment kemm f’ appelli li jsiru mill-persuna misjuba hatja, kif ukoll f’ appelli intavolati mill-Avukat Generali.

Illi huwa minnu li bl-emendi ghall-Kodici Kriminali li gew introdotti bl-Att III tas-sena 2002, u partikolarment bl-introduzzjoni tal-art. 413 (1) ( c ), l-Avukat Generali nghata dritt t’ appell b’ mod generali fil-kazijiet kollha li ma jaqghux taht dawk kontemplati fis-sub sub-inciz (b) tal-artikolu 413(1) u dan ovvjament jinkludi appell dwar il-piena, pero’, fil-fehma ta’ din il-Qorti, hu ferm odjuz li l-Avukat Generali, jirrikorri lil din il-Qorti biex jiddisturba d-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti u jitlob piena aktar harxa, meta l-kwistjoni tkun wahda purament ta' sindakar tad-diskrezzjoni li l-ligi taghti lill-Ewwel Qorti.

Kif gja esprimiet ruha din il-Qorti diversi drabi, fejn il-Prosekuzzjoni quddiem l-Ewwel Qorti, ma tkunx ittrattat dwar il-piena w insistiet ghall-applikazzjoni ta’ xi pieni partikolari jew ghall xi doza partikolari ta’ piena w minnflok tkun halliet kollox fid-diskrezzjoni tal-Qorti tal-Magistrati,

ma hux mistenni li mbaghad, fil-kazijiet li jidhrilha hi, tappella biss fuq il-piena, jekk din tkun fil-parametri tal-ligi.

Ghalhekk l-aggravju bazat biss fuq il-fatt li l-piena kienet miti izzejjed qed jigi respint.

Pero' l-Avukat Generali qed jilmenta wkoll mill-fatt li ma kellhiex tinghata piena komplessiva ta' LM25 multa w li t-terminu tas-sospensjoni suppost li ma kienx inqas minn wiehed ta' tlitt xhur f' dan il-kaz.

Issa fir-rigward tal-ewwel aggravju, hu minnu li skond l-artikolu 15 tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta, il-piena tal-multa ma ghandhiex minimu w li allura skond l-artikolu 11 il-minimu tal-piena pekunjarja seta' jkun addirittura wiehed ta' ghaxar liri (LM10) multa w konsegwentement il-piena erogata ghar-reat ta' sewqan bla kont skond it-tieni imputazzjoni, li ghall-fini ta' piena jassorbi fih ir-reat ta' sewqan b' manjiiera traskurata taht l-ewwel imputazzjoni, kienet fil-parametri tal-ligi. Pero' l-Avukat Generali jargumenta li oltre din il-piena l-appellat kellu jigi moghti ghall-inqas piena pekunjarja ohra ghar-reat taht it-tielet imputazzjoni w cioe' dak ta' offiza ta' natura hafifa involontarja, w cioe' l-piena applikabbli ghall-kontravvenzjonijiet.
L-appellant kien ikollu ragun kieku ma kienx il-kaz li r-reat kontemplat fl-artikolu 15 tal-Kap.65 ma kienx igib piena ta' prigunerija ta' "mhux **<u>izjed</u>** minn tlitt xhur". F' dal-kaz invece il-piena ghar-reat taht l-artikolu 15 tal-Kap.65 ma hix wahda <u>ta' inqas minn tlitt xhur</u>, ghax addirittura tista' tkun wahda massima ta' tlitt xhur, basta mhux izjed minn hekk. Ghalhekk tapplika l-ewwel ipotesi kontemplata fl-artikolu 17(d) tal-Kap.9 u cioe' dik li fejn il-piena ma tkunx inqas minn tlitt xhur u allura l-hati jigi kundannat biss ghall-piena stabilita ghad-delitt u mhux ukoll ghal dik tal-kontravvenzjoni.

F' dan il-kaz , stante li fiz-zewg delitti , (ghaliex il-ksur tal-ligi taht l-artikolu 226 (1) ( c ) hu delitt u mhux kontravvenzjoni , minkejja l-piena tal-kontravvenzjonijiet applikabbli ghalih) hemm piena pekunjarja, kien ikun applikabbli s-sub-inciz (f) tal-artikolu 17 tal-Kap.9. Pero'

dan mhux il-kaz ghaliex is-sewqan traskurat u bla kont kien serva bhala mezz biex gie kommess ir-reat ta' offiza involontarja fuq l-persuna w konsegwentement hu applikabbli s-sub-inciz (h) tal-istess artikolu, li jiddisponi li meta zewg reati jew izjed, li flimkien ma jaghmlux delitt kwalifikat, iservu bhala mezz biex isir reat iehor, sew ikkwalifikat kemm semplici, ghandha tinghata l-piena ghar-reat l-aktar gravi.

Indubbjament f' dan il-kaz ir-reat l-aktar gravi kien dak li jaqa' taht l-artikolu 15 tal-Kap.65, fejn apparti multa sa mitt lira hemm anki kontemplata piena karcerarja ta' mhux izjed minn tlitt xhur prigunerija, mentri l-piena kontravvenzjonali massima applikabbli ghat-tielet imputazzjoni hi dik ta' xaharejn detenzjoni jew ammenda ta' LM25.

Ghalhekk ghall-fini tal-piena, r-reat kontemplat fit-tielet imputazzjoni jigi assorbit fir-reati taht l-ewwel u t-tieni imputazzjoni, u l-Ewwel Qorti ghalhek, ghalkemm ma ddikjaratx dan fis-sentenza appellata, kellha ragun tapplika piena wahda (sia pure mhux wahda "komplessiva") w cioe' dik tal-multa ghar-reat ta' sewqan bla kont li ukoll a sua volta ghall-fini tal-piena jassorbxxi r-reat ta' sewqan b' manjiera traskurata.

Konsegwentement anki dan l-aggravju qed jigi respint.

Fejn l-Avukat Generali ghandu ragun hu li l-Ewwel Qorti, la darba sabet htija ta' sewqan bla kont, kellha tapplika terminu ta' sospensjoni minimu ta' mhux inqas minn tlitt xhur, kif jipprovdi s-sub-inciz (2) tal-artikolu 15. Ghalkemm dan is-subinciz jitkellem fuq sewqan bi "*traskuragni kbira jew b' mod perikoluz",* il-Qrati dejjem irritjenew li sewqan bi traskuragni kbira jammonta proprju ghal sewqan bla kont u li dan hu punibbli b' sospensjoni tal-licenzji ghal zmien ta' mhux inqas minn tlitt xhur.

Di fatti, kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta, jekk sewqan hux (i) negligenti w traskurat jew (ii) bla kont jew (iii) perikoluz hi kwistjoni ta' "*Degree".* (App.Krim. **Pul. vs. Charles Bartolo** [14.3.1959] **; "Il-**

**Pulizija vs. Wilson"** (Vol. XXXIX p. 1018) u **"Il-Pulizija vs. Alfred Vella"** (Vol. XLIV ; p. 933) u kif jidhru wara xulxin huma fl-iskala tas-serjeta' taghhom (App. Krim. **"Il-Pulizija vs. Hardingham"** , [19.10.1963] . Gie ukoll ritenut li biex jintegra ruhu ir-reat ta' sewqan perikoluz , hemm bzonn ta' certu grad ta' "*recklessness*" (App. Krim. **"Il-Pulizija vs. Charles Farrugia"** (XXXIX p. 1018.) "Recklessness" giet defenita bhala "*wilfully shutting one's eye* (App. Krim. **"Il-Pulizija vs. Joseph Aquilina"**, [20.4.1963]. Invece sewqan negligenti jew traskurat ifisser nuqqas ta' prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita is-sinistri stradali (App. Krim. "**Il-Pulizija vs. Antonio Spiteri"** , (Vol. XLIV , p.892)

Dan certament kien kaz ta' sewqan eccessiv f' lokalita' ristretta fejn l-appellat kien "reckless" u ghalaq ghajnejh ghall-konsegwenzi u , meta wiehed iqis il-fatturi ambjentali tal-mument u tal-lokalita', kif irriteniet l-Ewwel Qorti stess fis-sentenza appellata , kien jammonta ghal sewqan b' negligenza kbira jew bla kont. Konsegwentement l-Ewwel Qorti kienet marbuta b' piena ta' sospensjoni minima ta' mhux inqas minn tlitt xhur u ma setghetx teroga terminu ta' sospensjoni ta' hmistax il-jum biss kif ghamlet.

Ghalhekk dan l-aggravju jimmerita li jigi akkolt.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-appell tal-Avukat Generali limitatament u tirriforma s-sentenza appellata billi fil-waqt li tirrevokaha biss in kwantu ordnat l-iskwalifika tal-licenzji kollha tal-appellat ghall-periodu ta' hmistax il-jum, u minnflok tordna l-iskwalifika tal-licenzji kollha tal-appellat ghall-periodu ta' tlitt xhur li jibda ghaddej min-nofs il-lejl tal-lum, tikkonfermaha fil-kumplament taghha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------